# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF ROBERT G. MANGION
## ONOR. IMĦALLEF GRAZIO MERCIECA

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 6 ta' Frar 2024**

**Numru 7**

**Rikors numru 493/2016/1 MH**

**Roger Borg u Yvonne Borg**

**v.**

**Matthew Borg u Claire Bonnici**

**Il-Qorti:**

1. Din hija sentenza dwar appell imressaq mill**-konvenuta appellanti Claire Bonnici [l-Appellanti**] kif ukoll dwar appell inċidentali imressaq mill-**atturi appellati Roger Borg u Yvonne Borg [l-Appellati]** minn sentenza tal-Qorti Ċivili Prim'Awla mogħtija fl-4 ta' Diċembru, 2019 li permezz tagħha t-talba tal-atturi għall-ħlas tas-somma ta' €158,590.70, rappreżentanti skont l-atturi rifuzjoni ta' flus li huma ħallsu lill-bank lokali

fl-interess tal-konvenuti, ġiet parzjalment akkolta billi ordnat lill-konvenuti, solidalment bejniethom, iħallsu lill-atturi s-somma ta' €108,018.59.

**Daħla**

2. B'rikors ġuramentat tal-20 ta' Ġunju, 2016 l-atturi Roger u Yvonne konjugi Borg ippremettew u talbu s-segwenti:

> "Illi l-Konvenuti kienu miżżewġin, liema żwieġ kien ġie dikjarat null u bla effett;
>
> Illi waqt iż-żwieġ il-Konvenuti kienu ħadu self minn HSBC Bank Malta plc għas-somma ta' sitta u erbgħin elf liri Malta (LM46,000) ekwivalenti għas-somma ta' mija u sebat elef, mija u wieħed u ħamsin Euro u tmintax-il ċenteżmu (€107,151.18);
>
> Illi l-konvenuti kienu ffirmaw kuntratt pubbliku mal-HSBC Bank Malta plc fil-12 ta' Awissu 2004 (Dok A), li wara infetaħ kont bin-numru 18002366;
>
> Illi l-Atturi, li jiġu l-ġenituri tal-Konvenut Matthew Borg, kienu garanti għal dan is-self skont is-sanction letter hawn anness u mmarkat bħala Dok B;
>
> Illi l-Konvenuti għal raġunijiet finanzarji ma bdewx iħallsu lill-imsemmi bank il-pagamenti ta' kull xahar;
>
> Illi bħala riżultat l-Atturi bdew iħallsu huma kull xahar ir-repayments, li kienu obbligati iħallsu l-Konvenuti, u dan bil-kundizzjoni li l-Konvenuti jħallsu lura lill-Atturi;
>
> Illi d-ditta ta' accountants Camilleri Galea Limited (Dok C), kkalkolaw l-ammont ta' flus li l-Atturi kienu ddepożitaw fil-kont tas-self tal-Konvenuti, flimkien ma' l-imgħax dovut, liema somma jammonta għal mija tmienja u hamsin elf, hames mija u disghin Euro u sebghin centezmu (€158,590.70). Ir-rapport jikkalkola sa 31 ta' Diċembru 2015;
>
> Jgħidu għalhekk il-Konvenuti għaliex m'għandhiex dina l-Qorti:
>
> 1. Tiddikjarahom bħala kredituri ta' l-Atturi fis-somma ta' mija tmienja u ħamsin elf, ħames mija u disgħin Euro u sebgħin ċenteżmu (€158,590.70);
>
> 2. Tikkundanna lill-Konvenuti sabiex iħallsu lill-Atturi s-somma ta' mija tmienja u ħamsin elf, ħames mija u disgħin Euro u sebgħin

ċenteżmu (€158,590.70), oltre l-imgħax legali. Bl-ispejjes u bl-inġunzjoni tal-Konvenut għas-subizzjoni."

3. Il-konvenuta Claire Bonnici ppreżentat risposta ġuramentata fit-22 ta' Settembru, 2016 li permezz tagħha opponiet għat-talbiet attriċi billi resqet diversi eċċezzjoninijiet: (i) li ma hix il-leġittimu kontradittur stante li qatt ma kien hemm ftehim bejnha u bejn l-atturi la biex iħallsu lill-bank HSBC u lanqas sabiex hija tħallas imgħaxijiet lill-atturi; (ii) li ma hix il-leġittimu kontradittur stante illi kwalunkwe ftehim li l-konvenut Matthew Borg għamel mal-ġenituri tiegħu l-atturi sar qabel iż-żwieġ tal-konvenuti li seħħ fil-31 ta' Lulju, 2004 mentri s-*sanction letter* lill-konvenut inħarġet fit-3 ta' Ġunju, 2004, u li għalhekk ma jorbothiex; (iii) illi dak allegat fil-premessi tal-atturi huwa kkontestat; (iv) illi l-ftehim li sar bejn l-atturi u binhom il-konvenut sar mhux biss qabel iż-żwieġ iżda wkoll minn wara darha; (v) illi ma hemmx relazzjoni guridika bejn l-atturi u l-konvenuta għaliex fuq il-kuntratt tas-self hija ddaħħlet bħala garanti u għalhekk ma għandha l-ebda rabta kontrattwali jew rapport ġuridiku mal-atturi; (vi) illi għandu jkun il-konvenut Matthew Borg waħdu li jitqies responsabbli għad-dejn stante li kien hu li ssellef mingħand l-HSBC u kien hu li kellu jħallas lura lill-bank il-flus minnu mislufa; (vii) illi qatt ma kien hemm ftehim, lanqas bejn l-atturi u l-konvenut, illi l-atturi jitħallsu imgħax ta' 8% fuq il-pagamenti minnhom magħmula lill-bank (viii) illi fi kwalunkwe każ jekk hemm imgħax dovut dan għandu jkun mid-data tas-sentenza jew fl-agħar ipotesi mid-data tal-preżentata tar-rikors ġuramentat; (ix) illi l-atturi

għandhom jippruvaw illi ma rċevew l-ebda ħlasijiet mingħand il-konvenut l-ieħor; (x) illi jekk jirriżulta li hemm xi ammont dovut dan għandu jħallsu l-konvenut Matthew Borg waħdu mill-assi tiegħu u mhux mill-assi tal-komunjoni.

4. Il-konvenut Matthew Borg min-naħa tiegħu deher fl-ewwel udjenza quddiem l-Ewwel Qorti miżmuma fis-26 ta' Ottubru, 2016[1], ta ruħu b'notifikat bir-rikors ġuramentat u bl-avviż tas-smigħ, iddikjara illi l-ammont reklamat mill-atturi huwa dovut mill-konvenuti filwaqt li ddikjara li kien qed jammetti t-talbiet attriċi.

5. B'sentenza tal-4 ta' Diċembru, 2019 l-Ewwel Qorti ddeċidiet kif isegwi:

> 1. Tilqa' s-seba' eċċezzjoni tal-konvenuta, u limitatament safejn kompatibbli ma' dak deċiż, it-tmien eċċezzjoni tagħha .
>
> 2. Tiċħad il-bqija tal-eċċezzjonijiet tal-konvenuta.
>
> 3. Tilqa' limitatament l-ewwel talba tal-atturi u tiddikjarahom bħala kredituri tal-konvenuti fis-somma ta' mija u tmint elef, tmintax il-Ewro u disgħa u ħamsin ċenteżmu (€108,018.59);
>
> 4. Tilqa' limitatament it-tieni talba tal-atturi u tikkundanna lill-konvenuti iħallsu is-somma ta' mija u tmint elef, tmintax il-Ewro u disgħa u ħamsin ċenteżmu (€108,018.59) u bl-imgħax dekorribbli mill-lum.
>
> L-ispejjeż jinqasmu 4/5 il-konvenuti solidalment bejniethom u 1/5 l-atturi solidalment bejniethom.

[1] Fol. 36

6. L-Ewwel Qorti waslet għad-deċiżjoni tagħha wara li għamlet il-konsiderazzjonijiet segwenti:

L-atturi ntavolaw il-proċeduri odjerni sabiex jitolbu l-ħlas tas-somma ta' €158,590.70 allegatament imħallsa minnhom wara li daħlu bħala garanti għal self li ħadu l-istess konvenuti minn Bank lokali, u spiċċaw ħallsu huma din is-somma peress li l-konvenuti ma bdewx iħallsu l-pagamenti mensili fuq tali self minħabba raġunijiet finanzjarji.

- Omissis -

Għal fini ta' din l-eċċezzjoni[2], u mingħajr ma tidħol fil-mertu nnifsu f'dan l-istadju l-Qorti tqis li:

i. Il-konvenuti żżewġu fil-31 ta' Lulju 2004;

ii. Huwa paċifiku li s-sanction letter mill-Bank HSBC dwar is-self ħarġet qabel iż-żwieġ tal-konvenuti u ċioe' fit-3 ta' Ġunju 2004 u kienet indirizzata biss lill-konvenut Matthew Borg;

iii. Huwa paċifiku wkoll li d-*direct debit mandate* ġie ffirmat fis-26 ta' Mejju 2004 u għalhekk ukoll qabel iż-żwieġ;

iv. Jiġi sottolineat pero' li l-effett legali tas-*sanction letter* hija li l-Bank jikkonferma li laqa' l-applikazzjoni tal-klijent u b'hekk ikun qed jawtorizza s-self filwaqt li d-*direct debit mandate* hija l-awtorizzazzjoni biex isir il-ħlas tar-repayments minn kont partikolari. Iżda huwa l-kuntratt bil-miktub u li permezz tiegħu il-klijenti jintrabtu mal-bank dwar is-self taħt numru ta' kundizzjoniijiet li fl-aħħar mill-aħħar jorbot għall-finijiet u effetti tal-liġi;

v. Fil-każ odjern dan il-ftehim għas-self tas-somma ta' Lm46,000 mill-Bank sar wara li kienu żżewġu l-atturi u ċioe' fit-12 t'Awissu 2004;

vi. Fil-kuntratt il-konvenut waħdu ġie mniżżel bħala "il-klijent" filwaqt li l-konvenuta, evidentement b'mod erroneu, ġiet indikata bħala "xebba" u biss bħala "garanti". Dan meta f'dak il-perjodu l-istat ċivili tagħha kien ta' waħda miżżewġa u għalhekk legalment, indipendentement minn dak li tniżżel fid-diċitura tal-kuntratt, dan kien sar dejn tal-komunjoni u hija ma tistax għalhekk tippretendi li toħroġ mill-kawża;

vii. Isegwi li la s-somma mislufa f'dak il-kuntratt u li - kif intwera mill-provi, r-repayments tagħha kienu qegħdin isiru mill-atturi - tifforma l-bażi tal-mertu li fuqu huma mibnija l-pretensjonijiet attriċi, il-konvenuta ċertament għandha tibqa' fil-kawża għax hija passibbli biex tirrispondi

[2] L-eċċezzjoni jew l-eċċezzjonijiet li l-konvenuta ma hix il-leġittimu kontradittur.

għat-talbiet imressqa. Għalhekk l-ewwel tlett eċċezzjonijiet tal-konvenuta sejrin jiġu respinti. Imiss għalhekk jiġu trattati t-talbiet attriċi fil-mertu

It-talbiet huma tnejn. Fl-ewwel talba l-atturi qegħdin jitolbu lill-Qorti tiddikjarahom bħala kredituri tal-konvenuti fis-somma ta' €158,590.70 filwaqt li t-tieni talba hija subordinata u konsegwenzjali għaliha fejn qed jitolbu li, jekk tintlaqa' l-ewwel talba, tikkundanna lill-istess konvenuti jħallsu lill-atturi s-somma msemmija.

Waħda mid-difiżi li ressqet il-konvenuta fil-każ odjern (it-tielet u l-ħames eċċezzjoni tagħha) hija li kwalunkwe ftehim li sar dwar dan is-self seħħ bejn il-konvenut u l-ġenituri tiegħu kien qabel iż-żwieġ kif ukoll kwalunkwe *commitment* li l-atturi aċċettaw li jidħlu għalih versu l-Bank sabiex jagħmlu tajjeb għar-ripagamenti tad-dejn in kwistjoni sar qabel iż-żwieġ. Inoltre allegatament dan kollu sar minn wara daharha u mingħajr il-kunsens tagħha. L-atturi u l-konvenut Matthew Borg jiċħdu li dan kien il-każ, anzi jirribadixxu l-kontra.

- Omissis -

Il-Qorti wara li għarblet il-provi mressqa ssibha diffiċli temmen il-verżjoni tal-konvenuta. Huwa possibbli li l-konvenut kellu nvolviment aktar attiv fl-istadji ta' qabel ma' ġie ffirmat il-kuntratt kemm mal-ġenituri kif ukoll mal-Bank pero' li l-konvenuta tagħti l-impressjoni li hi kienet kompletament eskluża u nkonsapevoli ta' dak kollu li kien għaddej hija nverosimili għall-aħħar. Fix-xhieda tagħha quddiem il-Qorti hija anzi spjegat hekk –
"Domanda:Claire, id-dejn li kien sar mal-HSBC fiż-żmien meta kont għadek kemm iżżewwiġt tista' tispjega lill-Qorti x'tiftakar dwaru kemm qabel ma sar u ċ-ċirkustanzi għall-kuntratt ?
Xhud : Ehe, Matthew kien qabel ma żżewiġna kien tkellem ma' xi ħabib tiegħu u ġietu din l-opportunita' u ried jixtri xi propjeta' il-Kroazja u ppruva imma…
Qorti : Min ried jixtri l-ħabib jew Matthew ?
Xhud : Il-ħabib tiegħu kien fil-proċess u Matthew tħajjar ukoll. Imbagħad ried jixtri l-propjeta' hu u ried jara x' ħa jagħmel minn fejn ħa jġib il-flus biex ikun jista' jixtri il-propjeta'. Dan qabel ma iżżewwiġna ."

Għalhekk kif irriżulta mill-provi hija kellha għarfien ġenerali ta' dak li kien qed jiġri pero' l-probabilta' hi li peress li dan kollu kien qiegħed jiżviluppa fil-perjodu ftit qabel iż-żwieġ hija ftit li xejn tat portata lill-obbligi legali li hija sussegwentement kienet aċċettat li tidħol għalihom volontarjament meta, wara ż-żwieġ, aċċettat li tiffirma l-kuntratt tat-12 t'Awissu 2004.

Kif ammettiet hija stess iffirmat il-kuntratt għax kienet għadha fil-"honeymoon period" u ma ħadet ebda parir legali qabel . Madankollu, f'għajnejn il-liġi u anke jekk fil-kuntratt in kwistjoni ġiet indikata b'mod żbaljat bħala "xebba" (żball ammess ukoll min-nutar Pierre Falzon) xorta jiskattaw riperkussjonijiet legali peress li minn dak il-mument, dak id-dejn allura sar jifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti u nkombenti fuqha.

Anzi kien jeħtieġ il-kunsens taż-żewġ konjuġi għax meqjus att t'amministrazzjoni straordinarja.

L-artikolu 1322 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi hekk –
"(3) Dawn li ġejjin huma l-atti ta' amministrazzjoni straordinarja: (......)
(f) li tissellef jew tislef flus, barra minn depożitu ta' flus f'kont f'bank."

Għalkemm illum fil-kawża l-konvenuta qegħda tipprova tiddistakka ruħha minn dan id-dejn, hija kellha mezzi legali disponibbli għaliha jekk dehrilha li riedet timpunja dak id-dejn assunt.

Infatti skont l-artikolu 1326 (1) tal-Kap 16 - "Atti li jeħtieġ l-kunsens taż-żewġ partijiet miżżewġa iżda li jitwettqu minn parti waħda mingħajr il-kunsens tal-parti l-oħra jistgħu jkunu annullati fuq it-talba tal-parti l-aħħar imsemmija meta dawk l-atti jkunu dwar it-trasferiment jew il-ħolqien ta' jedd reali jew personali fuq proprjetà immobbli; u meta dawk l-atti jkunu dwar proprjetà mobbli dawn jistgħu jkunu annullati biss meta l-jeddijiet fuqhom ikunu ngħataw b'titolu gratuwitu.
(2) Kull azzjoni għal annullament tista' tittieħed biss mill-parti li kien meħtieġ il-kunsens tagħha u fiż-żmien perentorju ta' tlett snin - a) mid-data minn meta dik il-parti saret taf bl-att, jew (b) mid-data tar-reġistrazzjoni, meta dak l-att jeħtieġ reġistrazzjoni, jew (ċ) mid-data li tintemm il-komunjoni tal-akkwisti, skont liema tkun l-ewwel data."

Xejn minn dan ma sar da parti tal-konvenuta u allura hija m'għandha ebda jedd legali li tiddistakka ruħha mill-konsegwenzi legali li hija, flimkien mal-konvenut, kienu daħlu għalihom bħala miżżewġin.

Ma' dan il-Qorti tkompli tosserva li nonostante l-pożizzjoni li ħadet il-konvenuta fil-kawża odjerna, hija rrikonoxxiet li l-proprjeta' tal-Kroazja li għaliha ntużaw il-flus mislufa kienet tifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti u dwarha kien hemm pretensjonijiet fil-proċeduri ta' separazzjoni bejnha u bejn il-konvenut.

Ferm il-premess isegwi għalhekk li r-*repayments* li bdew jagħmlu l-atturi fuq dan is-self bankarju kienu jirrigwardaw is-self li konġuntivament iffirmaw għalih iż-żewġ konvenuti fiż-żwieġ.

It-talba attriċi għall-ħlas tas-somma ta' €107,151.18[3] hija diviża in kwantu għal €108,018.59 repayments bħala kapital u €50,572 bħala imgħax kalkulat bit-8% pro-rata fuq bażi ġornaljera mill-1 ta' Frar 2005 sal-31 ta' Diċembru 201528 .

Fl-ewwel lok mill-provi irriżulta, partikolarmemt tramite r-rappreżentanti tal-Bank HSBC, li l-kont tas-self kien f'isem Matthew Borg u r-*repayments* kienu qed isiru mill-kont tal-atturi a bażi ta' *direct debit mandate* iffirmata fis-26 ta' Mejju 2004. Imbagħad l-ewwel ammont ta' flus mill-kont tas-self (€23,000) inġibdu fl-10 ta' Diċembru 2004 filwaqt li

[3] Recte: €158,590.70

l-ewwel re-payment mill-kont tal-atturi sar fis-26 ta' Jannar 2005. Dan ifisser li kemm il-*withdrawal* u anke r-repayments bdew isiru wara li l-konvenuti kienu żżewġu.

Mill-atti ġie ampjament pruvat li l-uniċi ħlasijiet li saru fil-kont tas-self f'isem il-konvenut kienu mill-kont tal-atturi bis-saħħa tad-*direct debit mandate*. B'hekk legalment l-atturi ġew surrogati *ipso iure* a tenur tal-artikolu 1166 (c) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

"1166.
Is-surroga ssir ipso jure favur –
(....)
(ċ) ta' dak li kien obbligat ma' oħrajn jew għal oħrajn għall-ħlas tad-dejn u kellu interess iħallsu;"

L-atturi jikkontendu li huma għadhom ma rċivew ebda pagament mill-konvenuti fir-rigward tad-dejn mertu ta' dawn il-proċeduri, verżjoni li hija aċċettata mill-konvenut mhux biss bl-ammissjoni tiegħu għat-talbiet attriċi mingħajr ebda riżervi imma wkoll waqt ix-xhieda ġuramentata tiegħu fil-Qorti a fol 85.

Il-konvenuta minn naħa tagħti verżjoni oħra. Hija tallega li għalkemm il-flus fil-kont tas-self kienu jitpoġġew mill-kont tal-atturi, il-konvenut kien iħallas fi flus kontanti lill-missieru u dan sabiex ma jiddikjarax kollox mal-awtoritajiet dwar il-qagħda finanzjarja tiegħu li skontha kienet waħda tajba.

- Omissis -

B'reazzjoni ghal din ix-xhieda l-konvenut wieġeb li l-ħlasijiet li kien qed jgħaddi lill-missieru ma kellhom x'jaqsmu xejn mas-self in kwistjoni imma ma' garaxx li kien xtara l-Imsida li ghalih missieru kien silifhom xi flus u huwa kien qiegħed iħallsu lura dawk.

Il-Qorti rinfaċċjata b'dan issib li t-teżi tal-konvenuta mhijiex attendibbli anzi hija pjuttost fjakka. F'nifs wieħed qalet li l-konvenut kien qed iħallas lil missieru tas-self mertu tal-proċeduri odjerni (għalkemm qatt ma ġabet prova ta' kemm bħala ċifra kienet qed titkellem fuqha) iżda aktar tard qalet li dan il-ħlas kien ikopri wkoll self ieħor li mhuwhiex mertu tal-proċeduri odjerni. Kif jipprovdi l-artikolu 562 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta "l-obbligu tal-prova ta' fatt imiss dejjem lil min jallegah" u fin-nuqqas ta' dan id-difiża tal-kovenuta taqa'.

Il-Qorti għalhekk hija tal-fehma li s-somma ta' €108,018.59 repayments mill-atturi lill-Bank HSBC bħala kapital hija dovuta mill-konvenuti solidalment bejniethom.

Fid-dawl tas-suespost ir-raba', l-ħames, is-sitt, id-disa' u l-għaxar eċċezzjoni tal-konvenuta sejrin jiġu respinti.

Sa fejn jirrigwarda l-parti li titratta t-talba tal-atturi għall-ħlas tal-imgħax għas-somma ta' €50,572 li kif ingħad ikopri l-perjodu mill-1 ta' Frar 2005 sal-31 ta' Diċembru 2015, f'dan ir-rigward il-Qorti tirriskontra diffikulta' li tilqa' l-pretensjoni attriċi kif dedotta.

Mill-provi ma rriżultax li qatt kien sar xi ftehim bejn il-partijiet li oltre r-rifużjoni tal-ħlas li l-atturi kienu għamlu lill-Bank kellu anke jitħallas l-imgħax fuqhom. Il-konvenut stess, nonostante l-ammissjoni tiegħu tal-pretensjonijiet attriċi, irrikonoxxa fix-xhieda tiegħu li ma kinux ftehmu li jħallsu interessi - "Peress li dak iż-żmien kien kollox paċifiku ma tkellimnix dwar interessi." Jammetti biss li l-imgħax hu dovut in kwantu għalih kieku l-ġenituri tiegħu nvestew flushom mod ieħor kienu jdaħħlu l-interessi tagħhom. La ftehim ma kienx hemm dwar dawn l-imgħaxiijiet il-Qorti hija tal-fehma li l-bażi tal-pretensjoni attriċi ma ġietx pruvata.

Inoltre jiġi osservat ukoll li kif spjegat mill-attur stess fix-xhieda tiegħu, l-għan ewlieni li huma daħlu għal dan il-piż finanzjarju kien proprju sabiex jgħinu lill-konvenuti li kienu għadhom kif iżżewġu –

- Omissis –
-

Lanqas ittra uffiċjali li tinterpella għall-ħlas bl-imgħax ma jirriżulta li ntbagħtet a tenur tal-artikolu 1141 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

- Omissis -

Jirriżulta għalhekk li l-ewwel darba li saret talba uffiċjali għall-ħlas tal-imgħaxijiet kienet fil-kawża odjerna fir-rikors promotur u għalhekk in kwantu l-atturi sejrin jiġu kanonizzati kredituri bis-saħħa tas-sentenza odjerna, l-imgħaxijiet għandhom jibdew jiddekorru mill-lum.

- Omissis –
-

Magħmula dawn l-osservazzjonijiet, it-talba tal-atturi għall-ħlas tal-imgħaxijiet dekorribbli kif skont kif dedott minnhom sejra tiġi respinta.

Fid-dawl ukoll tar-raġunijiet mogħtija fis-suespost, is-seba' eċċezzjoni tal-konvenuta sejra tintlaqa', u tilqa' wkoll, iżda limitatament safejn kompatibbli ma' dak li ser jiġi deċiż, it-tmien eċċezzjoni tal-istess konvenuta.

7. Il-konvenuta Claire Bonnici appellat minn dik is-sentenza filwaqt li l-atturi appellati resqu appell inċidentali.

8. Il-fatti rilevanti huma s-segwenti. L-atturi huma l-ġenituri tal-konvenut Mathew Borg. Il-konvenuti Matthew Borg u Claire Bonnici żżewġu fil-31 ta' Lulju 2004. Ġara li xi xhur qabel ma' l-konvenuti żżewġu, il-konvenut Matthew Borg kien ġie avviċinat minn terza persuna u pproponilu investiment ġewwa l-Kroazja. Il-konvenut interessa ruħu, kellem lill-konvenuta, dak iż-żmien l-għarusa tiegħu, dwar dan u ma jidhirx li opponiet dan il-ħsieb. Waqt l-għerusija l-konvenuti kienu xtraw flimkien immobbli ġewwa l-Imsida.

9. Flus għal dan l-investiment fil-Kroazja l-konvenut ma kellux. Għalhekk talab lill-missieru, l-attur Roger Borg, sabiex jgħinu finanzjarjament. Missieru aċċetta li jgħinu billi l-konvenut jieħu self mill-bank fis-somma dak iż-żmien ta' Lm46,000.00 u missieru jħallas il-pagamenti mensili lill-bank bl-intiża li fi ftit snin wara li l-investiment jagħti r-riżultat mixtieq jitħallas dak li jkun ħareġ f'pagamenti lill-bank.

10. Il-konvenuta Claire Bonnici tgħid illi hija ma kenitx parteċipi f'dawk id-diskussjonijiet bejn il-konvenut u missieru l-attur filwaqt li l-attur u l-konvenut Matthew Borg jgħidu li kienet. Fi kwalunkwe każ ġara illi l-konvenut applika waħdu mal-HSBC Home Loans (Malta) Ltd sabiex jingħata s-somma ta' Lm46,000 b'self. Fit-3 ta' Ġunju 2004 il-bank kiteb lill-konvenut Matthew Borg dik li fil-lingwaġġ bankarju hija magħrufa bħala 'sanction letter' fejn infurmah illi "your application for a loan from HSBC

Bank Malta p.l.c. dated 26th May 2004 has been approved" u jsegwu l-kondizzjonijiet li l-bank kien qed jimponi sabiex jagħti dik il-faċilità bankarja fosthom:

> (i) ipoteka speċjali għal Lm46,000 fuq nofs indiviż ta' flat u garaxx fl-Imsida proprjetà tal-konvenut Matthew Borg;
> (ii) ipoteka speċjali għal Lm46,000 fuq nofs indiviż tal-istess flat u garaxx fl-Imsida proprjetà tal-konvenuta Claire Bonnici;
> (iii) *household comprehensive insurance policy* li tkompri l-flat u l-garaxx imsemmija;
> (iv) *mortgage protection insurance policy* ghall-ammont ta' Lm46,000 f'isem il-konvenut Matthew Borg;
> (v) Pledge fuq *life policy* f'isem il-konvenut Matthew Borg, u
> (vi) pledge <u>għall-ammont ta' Lm21,000 fuq ishma tal-atturi mal-Ajruport Internazzjonali ta' Malta f'isem l-atturi.</u>

11. Fil-31 ta' Lulju, 2004 il-konvenuti żżewġu filwaqt li fit-12 ta' Awwissu, 2004 ġie ppubblikat il-kuntratt ta' self bejn il-bank HSBC Bank Malta plc. Il-kuntratt ma kienx jirrifeltti illi bejn il-ħruġ tas-sanction letter u l-pubblikazjoni tal-kuntratt ta' self il-konvenut Matthew Borg u l-konvenuta Claire Bonnici kienu żżewġu lil xulxin. Il-kuntratt sar skont is-sanction letter, bis-self ta' Lm46,000 isir lill-konvenut Matthew Borg waħdu, filwaqt li l-konvenuta Claire Bonici ġiet imnizzla bħala "Claire Bonnici" , deskritta li kienet xebba u li kienet qed tidher bħala garanti in solidum mad-debitur prinċipali.

12. Jirriżulta li circa tlett xhur qabel il-pubblikazzjoni tal-kuntratt, preċiżament fis-26 ta' Mejju, 2004, il-konvenut Matthew Borg iffirma 'direct debit mandate' dwar il-kont bankarju li minnu kellhom jibdew jittieħdu l-pagamenti mensili bi ħlas tad-dejn iżda fil-26 ta' Jannar, 2005 dik id-*direct debit mandate* ġiet emendata billi tħassar isem il-konvenut Matthew Borg, ġie mniżżel isem l-attur Roger Borg, tħassar in-numru tal-kont bankarju ta' Matthew Borg u minflok tniżżel il-kont bankarju tal-attur Roger Borg li ffirma dak il-mandat. Dak il-mandat jibda bil-kliem "I instruct you to pay by Direct Debit, until further notice, from my account…….".

13. Fl-10 ta' Diċembru, 2004 Il-konvenut ġibed l-ewwel somma mill-faċilitá bankarja fl-ammont ta' tlieta u għoxrin elf liri Maltin (Lm23,000). Il-pagamenti mensili bdew isiru minn missier l-attur skont l-istruzzjonijiet li kien ta lill-bank permezz tad-*direct debit mandate* minnu ffirmat. Bejn Frar 2005 u Diċembru 2015 l-attur ħallas lill-bank is-somma komplessiva ta' mija u tmint elef u tmintax-il ewro u disgħa u ħamsin ċenteżmu (€108,018.59).[4]

14. Fl-20 ta' Ġunju, 2016 l-atturi istitwew il-kawża odjerna kontra ż-żewġ konvenuti jitolbu mingħandhom il-ħlas tas-somma globali ta' €158,590.70 rappreżentanti in kwantu għal €108,018.59 l-ammont globali, kapital u imgħax, li huma ħallsu lill-bank b'sodisfazzjoni tas-self

---

[4] Ara prospett ippreparat mid-ditta ta' Accountants Camilleri Galea Ltd li jinsab eżebit a fol. 5 et. seq tal-proċess

in kwistjoni u in kwantu għal €50,572.11 l-imgħax pretiż mill-atturi fuq is-somma li huma ħallsu lill-bank. Kif rajna, il-konvenut binhom ammetta t-talbiet attriċi filwaqt li l-konvenuta qed tikkontesthom.

**L-Appell Prinċipali**.

15. Bħala punt ta' tluq tajjeb jingħad illi safejn l-aggravji tal-appellanti huma msejsa fuq kritika tal-apprezzament tal-provi da parti tal-Ewwel Qorti, hija regola stabbilita illi din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament tal-fatti magħmul mill-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata sakemm ma jirriżultawx ċirkostanzi eċċezzjonali, jew meta jintwera li dak l-apprezzament ikun wieħed irraġjonevoli jew jekk jirriżulta illi l-apprezzament tal-fatti huwa kontradett mill-atti. Kif inżamm fis-sentenza **Antoine Spiteri v. Mario Vella et.** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fil-15 ta' Novembru, 2023:

> Għandu jingħad mal-ewwel li, sa fejn l-appellant jilmenta mill-apprezzament tal-provi magħmul mill-Ewwel Qorti, tajjeb li jiġi mfakkar li, din il-Qorti bħala Qorti ta' reviżjoni ma tiddisturbax faċilment id-diskrezzjoni eżerċitata mill-Ewwel Qorti, sakemm ma tkunx manifestament żbaljata jew għax ikun hemm raġunijiet gravi biżżejjed, bil-konsegwenza li tkun ser titwettaq inġustizzja. Għalkemm din il-Qorti għandha tara u tifli l-valutazzjoni magħmula mill-Ewwel Qorti, m'għandhiex taqbad u twarrabha jekk ma jkunx hemm raġunijiet tabilħaqq serji biex tagħmel dan. Il-funzjoni ta' reviżjoni li trid tagħmel din il-Qorti ma twassalx bilfors biex twarrab id-diskrezzjoni tal-eżerċizzju tal-apprezzament tal-provi li jkun sar mill-Ewwel Qorti, bħallikieku ma sar xejn. Għall-kuntrarju, jekk jirriżulta li l-apprezzament tal-provi li jkun sar mill-Ewwel Qorti huwa wieħed sostnut mill-provi li jinsabu fl-atti, u li l-konklużjonijiet tas-sentenza appellata jkunu s-sinteżi tar-raġunament

> mibni fuq dawk il-provi u t-tħaddim xieraq tal-liġi dwarhom, din il-Qorti ma twaqqax dik id-diskrezzjoni. (Ara s-sentenza ta' din il-Qorti tal-25 ta' Ottubru, 2023, fl-ismijiet **Citadel Insurance plc v. Shield Services Limited et** u l-ġabra ta' referenzi għas-sentenzi hemm magħmula).

16. Permezz tal-ewwel aggravju tagħha l-konvenuta appellanti Claire Bonnici tgħid illi l-Ewwel Qorti kienet żbaljata meta qieset illi d-dejn mal-bank kien dejn tal-komunjoni. Tgħid illi bil-pagamenti li għamlu l-atturi lill-bank l-ebda surroga ma seħħet a favur l-atturi kontra l-komunjoni li kellhom il-konvenuti dak iż-żmien. Tgħid l-appellanti illi ġialadarba kien qabel iż-żwieġ li l-atturi intrabtu mal-konvenut u mal-bank li permezz ta' *direct debit mandate* jħallsu d-dejn li kien ser jagħmel binhom, id-data rilevanti kellha tkun is-26 ta' Mejju, 2004, id-data tad-*direct debit mandate* li tiġi qabel iż-żwieġ, u mhux id-data tal-kuntratt tas-self li tiġi wara d-data taż-żwieġ. Issostni l-appellanti illi hi ma kenitx debitur tal-bank peress li s-self kien intalab mill-konvenut Matthew Borg waħdu u li fuq il-kuntratt fil-fatt id-dejn ingħata lilu waħdu. Tgħid l-appellanti illi l-Ewwel Qorti kienet żbaljata meta kkonsidratha bħala debitur prinċipali bħal konvenut l-ieħor. Tgħid li dak li tħallas mill-atturi sar fl-interess tal-konvenut l-ieħor waħdu u mhux ukoll fl-interess tagħha.

17. L-atturi min-naħa l-oħra jirribattu dan l-aggravju billi jgħidu illi l-appellanti kienet taf tajjeb li hija kienet ser tkun garanti għal dak is-self. Jgħidu wkoll illi huma "kellhom obbligi lejn il-bank bhala garanti, b'hekk kien fl-interess taghhom li jaraw li l-bank kien qed jigi imhallas kull xahar." Jgħidu li għalhekk l-Ewwel Qorti kienet korretta meta kkonkludiet li l-

appellanti kienet responsabbli għas-self li ġie effettwat mill-bank u li allura kellha l-obbligu li tirrifondi l-flus li l-atturi ħallsu lill-bank.

**L-Aggravju illi d-Dejn mal-Bank ma kienx tal-Komunjoni tal-Akkwisti għaliex kien dejn li għamel il-konvenut waħdu u li allura l-pagamenti li l-Atturi għamlu lill-bank kienu fl-interess uniku tal-konvenut u mhux ukoll tal-konvenuta.**

**Dejn Parafernali jew Dejn tal-Komunjoni tal-Akkwisti**?

18. F'dan l-aggravju l-appellanti tgħid illi l-Ewwel Qorti kienet żbaljata meta kkonsidratha li kienet debitur prinċipali tad-dejn favur il-bank flimkien mal-konvenut.

19. Mhux kontestat illi meta ġie ffirmat il-kuntratt ta' self fit-12 ta' Awwissu 2004 il-konvenuti kienu miżżewġin peress li kienu żżewġu anqas minn ġimagħtejn qabel u cioé fil-31 ta' Lulju, 2004. Kollox juri illi l-ħsieb tal-konvenuti kien li l-kuntratt jiġi ffirmat qabel ma jiżżewġu tant li l-abbozz tal-kuntratt li ġie ppreżentat min-nutar lill-bank kien jindika lill-konvenuti bħala mhux miżżewġa u fil-fatt hekk ġie ffirmat bil-konvenuta indikata li hija xebba, li l-konvenuti kienu jirrisjedu f'residenzi differenti u li s-self kien qed isir lill-konvenut Matthew Borg waħdu filwaqt li l-konvenuta Claire Bonnici dehret bħala garanti solidali permezz ta' ipoteka

ġenerali kif ukoll permezz ta' ipoteka speċjali fuq in-nofs indiviż tagħha minn appartament u garaxx ġewwa l-Imsida.

20. Il-kwistjoni kollha tirriduċi ruħha għall-aċċertament jekk bil-fatt li l-konvenuta appellanti kienet miżżewġa lill-konvenut fil-mument li dan tal-aħħar issellef mingħand il-bank, saritx ukoll debitriċi ta' dak id-dejn in kwantu kienet qed tagħmel tajjeb ukoll il-komunjoni tal-akkwisti tal-konvenuti.

21. L-Ewwel Qorti qieset illi ġialadarba fil-mument li ġie ffirmat il-kuntratt tas-self mal-bank il-konvenuti kienu diġa miżżewġin, "minn dak il-mument, dak id-dejn allura sar jifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti u nkombenti fuqha." L-Ewwel Qorti sostniet dik il-konsiderazzjoni billi kompliet tqis illi ġialadarba l-konvenuti kienu miżżewġin, u self huwa meqjus bħala att ta' amministrazzjoni straordinarja, il-kunsens tagħha kien meħtieġ liema kunsens ingħata peress li l-konvenuta dehret fuq il-kuntratt ta' self lil żewġha bħala garanti.

22. Il-liġi tipprovdi li "kull obbligu li jintrabtu għalih flimkien iż-żewġ miżżewġin" huwa dejn li jmur fuq il-komunjoni tal-akkwisti (**Artikolu 1327(d) tal-Kodiċi Ċivili**). Is-solidarjetá bejn koppja miżżewġa fir-rigward tad-dejn li jolqot il-komunjoni tal-akkwisti toħroġ mil-liġi. (**Ian Pace v. Alexander Valenzia et.** - Appell Superjuri - 10 ta' Ottubru, 2023).

**23.** Meta self isir minn żewġ konjuġi flimkien l-obbligazzjoni tagħhom hija waħda kongunta mwielda mill-istess kontrattazzjoni ta' self li jikkwalifika kemm bħala obbligu li ntrabtu għalih flimkien a tenur tal-artikolu 1327(d), kif ukoll bhala dejn civili taht l-artikolu 1327(f). Konsegwentement kull wieħed mill-konjugi, in kwantu komparteċipi fil-komunjoni tal-akkwisti, huwa kondebitur solidali. L-artikolu 1330 tal-Kodici Ċivili jikkonferma s-solidarjeta' bejn il-konjugi, tant li jipprovdi għac-cirkostanzi fejn il-beni parafernali għandhom ikunu suggetti għad-djun tal-komunjoni meta l-beni tal-komunjoni ma jkunux biżżejjed biex jitħallsu d-djun li jkun piż fuqhom. (**Edgar Mercieca et. v. Norman Aquilina** - Prim' Awla - 14 ta' Novembru, 2017.)

24. L-istitut tas-solidarjeta' fl-ambitu ta' koppja miżżewġa ġie kkonsidrat *funditus* fis-sentenza **Carmel sive Charles Sciberras et. v. Youssef Rhouri et.** mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Inferjuri) fid-9 ta' Novembru, 2005:

> …… l-komunjoni ta' l-akkwisti flimkien taghmel tajjeb ghad-djun naxxenti inter alia minn "kull obbligu li jintrabtu ghalih flimkien iz-zewg mizzewgin" [Artikolu 1327 (d), Kodici Civili]. Issa l-komunjoni ta' l-akkwisti huwa istitut specjali fil-ligi taghna li jirrapprezenta bhala socjeta` partikolari (Kollez. Vol. XXX PI p 18).
>
> Dak li hu cert pero hu li l-komunjoni mhix dotata b' personalita` guridika in bazi ghall-precitat artikolu tal-Kodici Civili u dawk id-disposizzjonijiet l-ohra annoverati taht is-Sub-Titolu III (Fuq il-Komunjoni ta' l-Akkwisti) ta' listess Kodici;

> Dan premess, huwa indubitat illi l-obbligazzjoni assunta mill-konvenuti kienet wahda kongunta mwielda mill-istess kontrattazzjoni tal-kirja. Konsegwentement kull wiehed mill-konjugi, in kwantu kompartecipi f' komunjoni, huwa kondebitur solidali. Dan mhux biss ghaliex tali solidarjeta` tohrog mill-kuntrattazzjoni innifisha izda ghaliex, kif fuq muri, is-solidarjeta` tidderivi minn provvediment specifiku tal-ligi.
>
> L-istruttura ta' l-obbligazzjoni solidali fil-kaz prezenti hi individwata mill-konkors tat-tliet elementi fundamentali taghha u cjoe (a) pluralita` ta' soggetti; (b) l-idem debitum; u (c) eadem causa obligandi. Ir-ratio, imbaghad, ta' din is-solidarjeta` huwa dak li jittutela l-interessi tal-kredituri. Dan kollu jwassal biex jigi ritenut illi allura kull wiehed mill-konjugi jwiegeb ghall-intier tant li l-kredituri – salv ghall-kwestjoni tar-rapprezentanza in gudizzju fil-kaz ta' att ta' amministrazzjoni straordinarja, kif inhu proprju dan il-kaz, a norma ta' l-Artikolu 1322 (3) (d), Kodici Civili – setghu jinsistu ghall-hlas minghand wiehed mill-kon-titolari tal-kirja, kif hekk jiddixxiplina l-Artikolu 1094, Kodici Civili;
>
> Taht ir-regim matrimonjali taghna l-unika deroga fejn ma jistax jinghad li tezisti din is-solidarjeta` huwa l-kaz kontemplat fl-Artikolu 1329 (1) tal-Kapitolu 16, u cjoe fir-rigward ta' djun li jsiru minn xi hadd fost il-konjugi u li ma jitbatewx mill-komunjoni ta' l-akkwisti. L-obbligazzjoni assunta minn dak il-konjugi ma tqieghedx lill-konjugi l-iehor fil-veste ta' debitur solidali. Dan il-principju jopera indipendentement mill-fatt li l-konjugi jinsabu f'regim ta' komunjoni. Hi biss il-kwota tal-komunjoni tal-konjugi obbligat li sussidjarjament taghmel tajjeb, u dan biss f' kaz li t-talba tal-kredituri kontra l-beni parafernali tieghu jew taghha tibqa' insodisfatta;

25. Applikati l-prinċipji legali fuq delineati għall-kuntratt ta' self bejn il-bank u l-konvenut, tinsorġi d-domanda: dan is-self mill-bank lill-konvenut waħdu approvat mill-konvenuta dak iż-żmien martu, jikkostitwixxi obbligu li ntrabtu għalih flimkien iż-żewġ miżżewġin fit-termini tal-Artikolu 1327 (d) tal-Kodiċi Ċivili? Fil-fehma ta' din il-Qorti, bħall-Ewwel Qorti qabilha, tqis li r-risposta hi fl-affermattiv.

26. Bħala regola d-dejn li jsir minn wieħed jew waħda mill-konjuġi bl-approvazzjoni espressa tal-konjuġi l-ieħor jew l-oħra huwa dejn li jgħabbi l-komunjoni tal-akkwisti ta' bejniethom. Id-dejn tal-konvenut versu l-bank jikwalifika bħala dejn li jmur fuq il-komunjoni bis-saħħa tal-Artikolu 1327 sub-inċiż (d) u (f) anke għaliex dan ma kienx xi kreditu kontra l-konvenut naxxenti minn reat.

27. Fuq il-kuntratt ta' self tat-12 ta' Awwissu, 2004 ġie stipulat illi "l-Bank qieghed jaghti b'titolu ta' Self lill-Klijent[5] s-somma ta' sitta u erbghin elf lira Maltin (Lm46,000)…" u "……..illi l-garanti[6] tidhol garanti solidali mal-klijent a favur tal-Bank li jaccetta u ghal dan il-ghan qieghda tikkostitwixxi favur l-istess Bank accettanti ipoteka generali fuq hwejjigha kollha preżenti u futuri u kif ukoll ipoteka specjali fuq in-nofs indiviz tal-immobbli deskritt f'paragrafi A u B aktar 'il fuq." Minn dan isegwi illi bil-kunsens tagħha għal dan id-dejn il-konvenuta appellanti irrendiet id-dejn tal-bank bħala dejn tal-komunjoni tal-akkwisti ta' bejn il-konvenuti. Ma jbiddel xejn mill-konsegwenzi legali il-fatt li fuq il-kuntratt pubbliku l-konvenuta tniżżlet bħala xebba. Una volta ġie stabbilit illi l-konvenuta tat il-kunsens tagħha sabiex żewġha jieħu dak is-self, ġab il-konsegwenza li dak is-self, qua att ta' amministrazzjoni straordinarja, seħħ bil-kunsens taż-żewġ konjuġi u li allura tagħmel tajjeb il-komunjoni tal-akkwisti

[5] Il-konvenut Matthew Borg
[6] Il-konvenuta Claire Bonnici

eżistenti dak iż-żmien bejniethom. Is-solidarjetà tal-konvenuta hija msaħħa bil-firma tagħha fuq il-kuntratt ta' self bħala garanti solidali.

28. Inutili l-konvenuta appellanti tibqa' tilmenta li kollox sar minn wara daharha meta l-atti juru mod ieħor.

29. Għalhekk l-aggravju tal-konvenuta appellanti illi d-dejn li kien hemm versu l-bank ma kienx dejn li jgħabbi l-komunjoni ma hux fondat u qed jiġi respint.

30. L-Aggravju tal-appellanti illi ġialadarba kien qabel iż-żwieġ li l-konvenut ftiehem ma' missieru li jħallas il-pagamenti lill-bank kif rifless fid-*direct debit mandate*, allura dan għandu jitqies dejn parafernali tal-konvenut huwa aggravju manifestament fieragħ mingħajr l-ebda fondament legali jew fattwali. Ibda biex jirriżulta mill-atti illi d-*direct debit mandate form* l-attur iffirmaha waqt iż-żwieġ tal-konvenuti u mhux qabel. Fi kwalunkwe każ, anke li kieku l-fatti kienu kif qed tallega l-konvenuta, ġie stabbilit illi d-dejn favur il-bank kien dejn tal-komunjoni u d-data li fiha l-attur iffirma d-*direct debit mandate form* ma fiha l-ebda rilevanza.

**L-Aggravju tal-Konvenuta illi bil-pagamenti li għamlu l-atturi lill-bank l-ebda surroga ma sehhet a favur l-atturi kontra l-komunjoni tal-akkwisti li l-konvenuti kellhom dak iż-żmien.**

31. L-Ewwel Qorti kkonsidrat illi bil-pagamenti li l-atturi għamlu lill-bank seħħet surroga tal-jeddijiet tal-kreditur favur l-atturi. Sabiex nikkonsidraw dan l-aggravju jeħtieġ naraw effettivament x'kienet il-pożizzjoni legali tal-atturi qabel effettwaw dawk il-pagamenti.

32. Sabiex isseħħ surroga kien jeħtieġ fost l-oħrajn li l-atturi jippruvaw li kienu garanti ta' dak is-self kif jallegaw fir-rikors promotur tagħhom.[7] Skont is-*sanction letter* jemerġu żewġ dettalji fir-rigward tal-atturi, (i) illi mas-self mill-bank lil binhom, huma kellhom jiffirmaw skrittura ta' rahan u garanzija a favur il-bank fuq l-ishma li huma għandhom fl-Ajruport Internazzjonali ta' Malta u (ii) illi l-garanzija tal-atturi ma kellhiex tkun għall-ammont kollu misluf iżda għall-ammont ta' <u>Lm21,000 ekwivalenti għal circa €48,909.00.</u>

33. Minn qari tas-sentenza appellata jirriżulta illi l-Ewwel Qorti ma stabbilixxitx abbazi ta' liema dokument waslet għall-konklużjoni illi l-atturi kienu garanti tal-ammont misluf mill-bank. Mill-atti la tirriżulta skrittura ta' garanzija ffirmata mill-atturi u wisq anqas skrittura ta' rahan. *Sanction*

[7] Raba' premessa: "Illi l-Atturi…..kienu garanti ghal dan is-self skont is-sanction letter…"

*letter* waħedha ma hi xejn ħlief elenku tal-kondizzjonijiet li jkun qed jitlob il-bank sabiex jagħti l-faċilità bankarja mitluba mill-klijent. Dan ġie rikonoxxut mill-Ewwel Qorti stess waqt il-konsiderazzjonijiet tagħha referibbli għall-eċċezzjoni dwar il-leġittimazzjoni passiva tal-konvenuta appellanti. Jingħad hekk fir-rigward mill-Ewwel Qorti:

> iv. Jiġi sottolineat pero' li l-effett legali tas-*sanction letter* hija li l-Bank jikkonferma li laqa' l-applikazzjoni tal-klijent u b'hekk ikun qed jawtorizza s-self filwaqt li d-*direct debit mandate* hija l-awtorizzazzjoni biex isir il-ħlas tarrepayments minn kont partikolari. Iżda huwa l-kuntratt bil-miktub u li permezz tiegħu il-klijenti jintrabtu mal-bank dwar is-self taħt numru ta' kundizzjoniijiet li fl-aħħar mill-aħħar jorbot għall-finijiet u effetti tal-liġi;[8]

34. Lanqas id-*direct debit mandate* ma tikkostitwixxi garanzija sew għaliex garanzija ma hix kif ukoll għaliex kif dan l-istess dokument jistipula, l-attur seta' jirrevokaha f'kull żmien.

35. Kien jinkombi fuq l-atturi illi jekk qed jagħmlu l-kawża fil-kwalità tagħhom ta' pagatur qua garanti, li jġibu l-prova ta' dik il-garanzija pretiża. Aktar u aktar meta l-konvenuta laqgħet għat-talbiet attriċi b'sensiela ta' eċċezzjonijiet tirribatti illi bejnha u bejn l-atturi ma kien hemm l-ebda relazzjoni ġuridika għaliex bejniethom ma sar l-ebda ftehim li jidħlu garanti għaliha. Una volta l-atturi ma dehrux fuq il-kuntratt tas-self li sar mill-bank, kien jinkombi fuqhom l-oneru li jippruvaw sodisfaċentement illi huma kienu qed iħallsu lill-bank qua garanti.

---

[8] Paġna 16 tas-sentenza appellata

36. Appena huwa neċessarju jingħad illi huwa dejjem l-oneru ta' min jallega li jipprova l-allegazzjoni tiegħu bi tħaddim tal-massimi *actori incumbit onus probatio* u *ei incumbit probatio qui dicit, non qui negat*, prinċipji bażilari tad-dritt proċedurali inkorporati fil-liġi nostrana li tipprovdi illi "l-obbligu tal-prova ta' fatt imiss dejjem lil min jallegah" (**Art. 562 Kap. 12**).

37. Il-garanzija hija kuntratt li bih wieħed jintrabat lejn il-kreditur li jissodisfa l-obbligazzjoni ta' wieħed ieħor, jekk dan ma jissodisfahiex huwa nnifsu.[9] Garanzija ma tistax tkun għal iżjed minn dak li jkollu jagħti d-debitur u anqas ma tista' ssir taħt kondizzjonijiet iżjed gravużi, iżda tista' tingħata għal biċċa biss mid-dejn, u taħt kondizzjonijiet anqas gravużi.[10] Wieħed jista' jidħol garanti mingħajr ma tkun talbet jew ukoll mingħajr ma tkun taf il-persuna li għaliha jobbliga ruħu, filwaqt wieħed jista' wkoll jidħol garanti mhux biss tad-debitur prinċipali, iżda wkoll tal-garanti tiegħu.[11] Il-garanzija ma tistax tkun preżunta, iżda għandha tkun espressa; u ma tistax tinħareġ barra mil-limiti li fihom tkun ġiet ikkuntrattata.[12]

---

[9] Art 1925 Kap. 16
[10] Art 1927 Kap. 16
[11] Art 1928 Kap. 16
[12] Art 1929 Kap. 16

38. Sabiex garanzija tkun valida din trid issir permezz jew ta' att pubbliku jew ta' skrittura privata.[13] U jekk ma tkunx iffirmata mill-partijiet kollha għandha tkun awtentikata ai termini tal-Artikolu 634 tal-Kap. 12. (ara. **Miksons Transport Company Limited et. v. Anthony Stivala et**. - Appell Superjuri - 15 ta' Novembru, 2023).

39. L-Ewwel Qorti ma stabbilitx minn fejn jemani l-obbligu tal-atturi li jħallsu d-dejn dovut lill-bank. Stabbilit illi la *Direct debit mandate* u lanqas is-*sanction letter* ma jistgħu jitqiesu illi kkostitwew lill-atturi bħala garanti tas-self de quo, din il-Qorti qed tikkonkludi illi ma rriżultax mill-atti illi l-atturi kienu garanti tal-ammont minnhom imħallas lill-bank. Dan ser ikollu rilevanza meta nitrattaw Artikolu 1166 (c ) tal-Kodiċi Ċivili li l-Ewwel Qorti applikat fis-sentenza appellata.

40. L-Ewwel Qorti, ikkonkludiet illi "l-uniċi ħlasijiet li saru fil-kont tas-self f'isem il-konvenut kienu mill-kont tal-atturi bis-saħħa tad-*direct debit mandate*. B'hekk legalment l-atturi ġew surrogati *ipso iure* a tenur tal-artikolu 1166 (c) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta. "1166. Is-surroga ssir *ipso jure* favur – (....) (ċ) ta' dak li kien obbligat ma' oħrajn jew għal oħrajn għall-ħlas tad-dejn u kellu interess iħallsu;" L-Ewwel Qorti qieset illi seħħet surroga *ipso jure* għaliex qieset li l-atturi kienu jikwalifikaw bħala persuni li kienu obbligati "ma' oħrajn jew għal oħrajn" għall-ħlas tad-dejn

[13] Art 1233 Kap. 16

u li "kellhom interess iħallsu" fit-termini tal-Artikolu 1166 (c ) tal-Kodiċi Ċivili. Mod ieħor, l-Ewwel Qorti qieset illi l-atturi kellhom l-obbligu għall-ħlas tad-dejn peress li qieset li kienu garanti kif minnhom allegat fir-raba' premessa tagħhom fir-rikors promotur.

41. Kif ġia rajna aktar qabel, mhux minnu li l-atturi kienu garanti tas-self mertu tal-kawża, għalkemm anke fir-risposta tagħhom għall-appell l-atturi jerġgħu itennu illi "L-Appellati kellhom obbligi lejn il-bank bhala garanti, b'hekk kien fl-interess tagħhom li jaraw li l-bank kien qed jigi mhallas kull xahar."

42. **Artikolu 1942 tal-Kodiċi Ċivili** jipprovdi illi l-garanti li jkun ħallas, għandu jedd idur kontra d-debitur prinċipali, sew jekk il-garanzija tkun ingħatat bil-kunsens tad-debitur kemm jekk tkun ingħatat mingħajr dan ma kien jaf. Dan il-jedd ta' regress igħodd sew għall-kapital kemm għall-imgħaxijiet u l-ispejjeż.

43. Filwaqt li **Artikolu 1164 tal-Kodiċi Ċivili** li jipprovdi illi min iħallas id-dejn ta' wieħed ieħor ma jidħolx fil-jeddijiet tal-kreditur, ħlief bis-saħħa ta' konvenzjoni, jew b'dispożizzjoni tal-liġi.

44. Is-surroga sseħħ b'dispożizzjoni tal-liġi, 'ipso iure', favur dak li hu kreditur huwa stess u jħallas lil kreditur ieħor li jkollu fuqu jedd ta'

preferenza minħabba privileġġ jew ipoteka; favur dak illi jakkwista immobbli u jħallas il-prezz tiegħu lill-kredituri illi lejhom il-fond kien ipotekat; favur dak li kien obbligat ma' oħrajn jew għal oħrajn għall-ħlas tad-dejn u kellu interess iħallsu; u favur ta' kull werriet bil-benefiċċju tal-inventarju li, bi flusu, ħallas id-djun tal-wirt.[14] L-ebda waħda minn dawn iċ-ċirkostanzi ma hi applikabbli għall-każ odjern.

45. Jibqa' naraw jekk hux applikabbli xi dispożizzjoni legali li titratta surroga b'effett ta' garanzija b'konvenzjoni. Min iħallas id-dejn jidħol fil-jeddijiet tal-kreditur, b'konvenzjoni - (a) meta l-kreditur idaħħal floku l-persuna li mingħandha jieħu l-ħlas fil-jeddijiet tiegħu kollha kontra d-debitur, basta li din is-surroga ssir espressament u flimkien mal-ħlas, u (b) meta d-debitur jieħu b'self somma ta' flus biex iħallas dejnu, u biex idaħħal lil min jisilfu fil-jeddijiet tal-kreditur. Iżda sabiex din is-surroga tkun tiswa hu meħtieġ - (i) illi s-self u r-riċevuta jsiru b'att pubbliku.(ii) illi fl-att tas-self jiġi ddikjarat li s-somma ġiet meħuda b'self sabiex jitħallas id-dejn, u (iii) illi fir-riċevuta jiġi ddikjarat li l-ħlas sar bil-flus maħruġa għaldaqshekk mill-kreditur il-ġdid.[15] L-ebda waħda minn dawn iċ-ċirkostanzi ma hi applikabbli għall-każ odjern.

46. Għalhekk din il-Qorti qed tilqa' parzjalment l-aggravju tal-konvenuta appellanti billi tqis illi mal-ħlas li l-atturi għamlu lill-bank ma

[14] Art 1166 Kap. 16
[15] Art 1165 Kap 16

seħħitx surroga a favur l-atturi fil-jeddijiet tal-bank kreditur kontra tagħha kif naxxenti mill-kuntratt ta' self. Dan l-aggravju huwa akkoljiment in parte tal-ħames eċċezzjoni tal-konvenuta fejn eċċepiet illi bil-fatt li fuq il-kuntratt ta' self hija kienet garanti solidali a favur il-Bank, ma nħoloqx rapport ġuridiku bejnha u bejn l-atturi meta dawn tal-aħħar ħallsu d-dejn naxxenti minn dak il-kuntratt.

47. Dan ma jfissirx però li l-atturi ma kellhomx jedd li jirkupraw il-flus li huma ħarġu. Ħlas ta' dejn ta' ħaddieħor mingħajr jedd ta' surroga fid-drittijiet tal-kreditur ma jfissirx li min iħallas m'għandux jedd li jirkuprhom mingħand id-debitur li nħeles mid-dejn permezz ta' dak il-ħlas però jeħtieġlu jipprova illi dak il-ħlas kien ta' benefiċċju għall-persuna li mingħandha jippretendi l-ħlas. Mod ieħor, irid jipprova illi jekk il-persuna mħarka ma tħallsux iseħħ arrikkiment indebitu.

48. Kif rikonoxxut mill-istess atturi, iż-żwieġ ta' bejn il-konvenuti kien ġie annullat u għalhekk illum ma hemmx il-komunjoni tal-akkwisti bejn il-konvenuti.

49. Id-dejn mal-Bank sar sabiex il-konvenut, waħdu, xtara proprjetà immobiljari fil-Kroazja. Fin-nuqqas ta' prova li l-proprjetà mixtrija fil-Kroazja f'isem Matthew Borg waħdu tappartjeni wkoll lill-konvenuta, il-Qorti ser tqis illi dik il-proprjetà tappartjeni biss lill-konvenut Matthew

Borg. L-atturi kienu jafu minn qabel ma bdew iħallsu d-dejn lill-Bank illi l-flus li binhom kien qed jissellef mill-Bank kienu intużaw sabiex binhom waħdu jagħmel investiment fil-Kroazja. L-attur stess xhed illi huwa kien ħallas id-dejn li kien hemm mal-Bank bil-ħsieb li jagħti ċans lill-investiment li ibnu kien għamel fil-Kroazja jagħti l-frott imbagħad jitħallas lura.

50. L-atturi naqsu milli jġibu l-prova illi l-konvenuta ibbenefikat mill-ħlas li huma għamlu lill-Bank. Jidher mill-atti illi l-konvenuta appellanti tħalliet kompletament fil-għama dwar dak kollu li l-konvenut l-ieħor kien qed jinvesti fil-Kroazja bil-parteċipazzjoni u l-għajnuna tal-ġenituri tiegħu l-atturi.

51. Ġiadaraba l-atturi ma ħallsux lill-Bank bħala garanti ta' dak id-dejn iżda għaliex riedu jgħinu lil binhom, u ġialadarba ma jirriżultax mill-atti illi l-konvenuta appellanti ibbeneifikat minn dak il-ħlas, l-azzjoni attriċi fil-konfront tagħha ma tistax tirnexxi.

52. Jekk l-atturi riedu jkunu f'pożizzjoni li jaġixxu kontra l-konvenuta bl-istess mod li seta' jaġixxi l-Bank setgħu ħadu ħsieb illi mal-ħlas jakkwistaw is-surroga fid-drittijiet tal-Bank skont il-liġi. Dan ma għamluhx u għalhekk l-azzjoni attriċi tfalli.

53. F'dan is-sens qed tilqa' l-ewwel aggravju tal-appellanti.

54. Akkolt l-ewwel aggravju bil-mod kif fuq spjegat, mhux meħtieġ li nikkonsidraw l-aggravji l-oħra mressqa mill-konvenuta appellanti.

**Appell Inċidentali**.

55. Fl-appell inċidentali tagħhom l-atturi jressqu l-aggravju illi l-Ewwel Qorti kellha takkordalhom imgħax fuq l-ammonti li huma ħallsu lill-bank. Għalkemm ma jiċħdux illi ma kien sar l-ebda ftehim dwar ħlas ta' imgħax kif ukoll ma jiċħdux illi ma kienux ippreżentaw ittra uffiċjali b'interpellazzjoni għall-ħlas, jgħidu illi l-jedd tagħhom għall-imgħax huwa naxxenti mid-dispost tal-artikolu 1107 tal-Kap. 16 li jipprovdi illi: (1) Il-kondebitur li jħallas id-dejn in solidum kollu, ma jistax jitlob mingħand l-oħrajn ħlief is-sehem ta' kull wieħed minnhom bl-imgħax minn dak in-nhar tal-ħlas, allavolja jkun hemm ċessjoni ta' jeddijiet.

56. Huwa aktar milli evidenti illi dan l-artikolu ma hux applikabbli għall-fattispecie tal-każ odjern.

57. Għaldaqtant tiċħad l-aggravju tal-atturi imressaq fl-appell inċidentali tagħhom.

**Deċiżjoni**.

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq mogħtija, din il-Qorti qiegħda tilqa' l-ewwel aggravju tal-konvenuta appellanti safejn kompatibbli ma' dak fuq ikkunsidrat; tvarja s-sentenza appellata billi tħassarha safejn ikkundannat lill-konvenuta appellanti tħallas lill-atturi; tilqa' l-ħames eċċezzjoni tal-konvenuta; issib illi t-talbiet tal-atturi fil-konfront tal-konvenuta appellanti ma humiex mistħoqqa; u konsegwentement tiċħad it-talbiet attriċi fil-konfront tal-konvenuta appellanti. Tikkonferma s-sentenza appellata fil-kumplament.

Bl-ispejjeż in kwantu tal-Prim'Istanza jibqgħu kif deċiżi mill-Ewwel Qorti, l-ispejjeż tal-appell a karigu tal-atturi appellati.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Robert G. Mangion<br>Imħallef | Grazio Mercieca<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
ss